MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2010

Appell Civili Numru. 418/2009/1

**Richard Galea**

**vs**

**Charles Joseph Formosa**

**Il-Qorti,**

Fid-19 ta’ April, 2010, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **“**It-Tribunal,
>
> Wara li ra t-talba tal- attur ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta’ tlett elef, mitejn u wiehed u sittin ewro u tnax-il ewro centezmu (€3,261.12) rapprezentanti il-prezz ta’ merkanzija mibjugha u konsenjata lill-konvenut fuq ordni tieghu stess.

Bl-imghax mid-data tal-konsenja u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra legali datata 29 ta' Ottubru, 2008 u tal-ittra ufficjali tas-27 ta' Jannar, 2009 kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni tieghu.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn issolleva li preliminarjament ma huwiex il-legittimu kontradittur tal-pretensjonijiet ta' l-attur Richard Galea in kwantu mghandu l-ebda relazzjoni guridika ma' l-istess.

Illi t-talbiet tal-attur huma privi minn kull fondament guridiku u fattwali.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Illi fis-seduta tat-2 ta' Frar, 2010 l-avukat difensur tal-konvenut irtira l-ewwel eccezzjoni u qajjem l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur tal-artiklu 2156(f) tal-Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' il-preskrizzjoni ta' hames snin.

Ra d-dokumenti ezebiti in atti.

Sema' x-xhieda ta' Richard Galea.

Sema t-trattazzjoni dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u t-Tribunal ghadda sabiex jaghti sentenza dwar l-eccezzjoni mqajma ulterjorment mill-konvenut.

**Ikkunsidra:-**

Illi din il-kawza titratta dwar mobbli allegatament mibjugha u kunsenjati lill-konvenut. Illi permezz ta' nota pprezentata mill-konvenut jirrizulta li l-attur kien ipprezenta ittra ufficjali fis-27 ta' Jannar, 2009.

Illi mix-xhieda tal-attur jirrizulta li huwa kien biegh lill-konvenut mobbli fis-somma ta' erba' t'elef u

hames mitt lira Maltin (LM4,500) ta’ dak iz-zmien, ghaxar snin ilu. Illi bejniethom ma kien hemm xejn bil-miktub. Illi kienu ftiehmu li l-konvenut kellu jhallsu pagamenti ta’ mija u erbghin liri Maltin (LM140) ta’ dak iz-zmien fix-xahar. Illi l-konvenut kien beda jhallas lill-attur u kien fadal jaghtih elf u erba’ mitt lira Maltin (LM1,400) meta huwa kellu incident tat-traffiku. Illi fis-seduta tad-19 ta’ Novembru, 2009 qal illi l-konvenut kien waqaf jhallsu sitt snin qabel.

L-attur qal illi l-konvenut kien spjegalu li huwa kien ha jhallsu meta kellu jircievi xi somma mill-assikurazzjoni wara l-istess incident tat-traffiku. Qal ukoll illi xi sena u nofs qabel ma nfethet il-kawza kien irceva *SMS* fuq il-mobajl tieghu fejn qallu li kien ha jhallsu. It-Tribunal jirrilleva li l-attur kien zamm din l-*SMS* fuq il-mobajl tieghu, izda t-Tribunal fic-cirkostanzi ma jhossx illi messagg fuq mobajl jista’ jigi ritenut bhala prova ta’ amissjoni ta’ dejn skont il-ligi.

Illi jirrizulta lit-Tribunal illi l-ittra ufficjali giet ipprezentata fis-27 ta’Jannar, 2009. Illi il-bejgh tal-mobbli kien sar fl-1999, u ghal-habta ta’ Novembru tal-2003 l-konvenut kien waqaf milli jhallas lill-attur. Illi fil-fehma tat-Tribunal, it-terminu ta’ hames snin jibda jiddekorri f’Novembru tal-2003 meta kien l-ahhar pagament li kien ircieva l-attur mill-konvenut. Illi l-ittra ufficjali giet ipprezentata fis-27 ta Jannar, 2009 u cioe’ wara t-terminu preskrittiv ta’ hames snin.

Fic-cirkostanzi, wara li sema’ u evalwa l-provi migjuba quddiemu, t-Tribunal huwa tal-fehma li l-azzjoni tal-attur hija preskritta a tenur tal-artiklu 2156 ( f) tal-kapitlu. 16 tal-ligijiet ta’ Malta.

Ghaldaqstant jichad it-talba attrici bl-ispejjez kontra l-attur.**”**

L-attur jikkontesta din is-sentenza bl-aggravju illi din tiddifetta ghar-raguni illi meta t-Tribunal irredigiha ma kellux ghad-disposizzjoni tieghu x-xhieda kollha u li kienet manifestament turi illi l-preskrizzjoni giet miksura bil-hlas akkont li sar f'Settembru 2004, kif ukoll bil-weghda li saritlu mill-konvenut fl-2008 illi hu kien ser ihallas;

Fl-ispjegazzjoni li jaghti l-appellanti fuq il-punt illi t-Tribunal ippronunzja ruhu minghajr ma kellu quddiemu x-xhieda tieghu moghtija fl-udjenza tas-16 ta' Marzu, 2010, huwa jiddikjara illi *ex post* is-sentenza huwa ntebah illi t-traskrizzjoni ta' dik ix-xhieda ma kienetx inserita fil-process u kien bl-intervent tal-legali tieghu illi din ix-xhieda eventwalment iddahhlet fil-process fis-6 ta' Mejju, 2010. Din il-Qorti ma ghandhiex ghaliex ma taccettax din l-ispjegazzjoni ghaliex hi, wara kollox, verosimili fir-riflessjoni illi fil-korp tas-sentenza appellata t-Tribunal ma ghamel lanqas minimu accenn ghal dik ix-xhieda hekk moghtija fis-16 ta' Marzu, 2010, u dan kif ukoll attestat mill-verbal ta' l-istess udjenza a fol. 19;

Okkorrenza ta' din ix-xorta, ghalkemm mhix frekwenti bosta, giet drabi ohra ezaminata u deciza mill-Qrati taghna, kif ahjar illustrat minn dawn l-ezemplari rakkolti mill-gurisprudenza:-

1. "**Guzepp Cassar -vs- Pawlu Cassar**", Appell Inferjuri, 26 ta' Settembru 1945. Fiha nghad illi sentenza moghtija f'kawza fejn ma saretx it-traskrizzjoni tax-xhieda f'dik il-kawza hija nulla;

2. "**Francis T. Gera *nomine* -vs- Edward Camilleri *et***", Appell Inferjuri, 14 ta' Frar, 1973. F'din gie ritenut illi meta f'kawza quddiem il-Qorti Civili tal-Magistrati ma ssirx traskrizzjoni tad-deposizzjonijiet li jkunu taw ix-xhieda ghalkemm fil-fatt dik il-Qorti tkun semaghthom ikun hemm vjolazzjoni tad-dispost ta' l-Artikolu 593 (illum, Artikolu 594) tal-Kodici ta' Procedura Civili li ggib ghan-nullita (Artikolu 95, illum Artikolu 98 ta' l-imsemmi Kodici) tas-sentenza ta' dik il-Qorti bazata fuq dawk il-provi. Fiha

ssokta jinghad illi "il-pregudizzju derivanti lill-appellanti mill-vjolazzjoni lamentata jikkonsisti filli, una volta li hawnhekk il-ligi ezigiet it-traskrizzjoni ... ma jistax jigi eskluz illi meta qatghet il-kawza kontra tieghu l-ewwel Qorti tilfet di vista provi favur tieghu li skond il-ligi kien mehtieg li jigu traskritti waqt li kontra l-ligi ma gewx ...";

3. "**John J. Abela -vs- Anthony Dalli**", Appell Inferjuri, ukoll deciza fl-14 ta' Frar, 1973. Din id-decizjoni hi konsimili ghal dik ta' qabilha hawn citata. Ukoll f'dan il-kaz kienet nieqsa mill-atti t-traskrizzjoni tax-xhieda u l-Qorti ghaddiet biex irrimarkat illi ankorke si trattava ta' punt ta' ligi, l-istess ma setax jigi trattat "*in abstracto*" ghaliex il-ligi tigi konkretament applikata ghall-fatti rizultati;

4. "**Salvatore Caruana -vs- Carmelo Magro**", Appell Superjuri, 14 ta' Novembru 1996. F'din kienu gew mill-attur pprezentati zewg Affidavits li dwarhom l-ewwel Qorti ma hadetx konjizzjoni taghhom u, anzi, is-sentenza nghatat fl-assenza tal-konsiderazzjoni jew ta' l-ezistenza taghhom. Il-Qorti ta' l-Appell annullat is-sentenza u baghtet l-atti lura lill-ewwel Qorti biex din tiddeciedi mill-gdid il-vertenza tal-preskrizzjoni fid-dawl ta' dawk l-Affidavits;

Komplessivament, huwa evidenti minn dawn l-ezemplari illi ghalkemm "hu principju illi n-nullita tas-sentenza m'ghandhiex tigi attiza jekk is-sentenza tkun sostanzjalment gusta" ("**Carmelo Grech -vs- Salvatore Guillaumier *nomine***", Appell Inferjuri, 1939), eppure f'kazijiet tax-xorta hawn ikkontemplati lanqas ma huwa applikabbli d-dispost ta' l-Artikolu 790 tal-Kapitolu 12 ghaliex la l-Qorti Inferjuri ma kellhiex *in acta* t-traskrizzjoni tax-xhieda ta' l-attur tas-16 ta' Marzu, 2010, inserita biss wara l-pronunzjament, is-sentenza hekk moghitja ma tistax titqies sostanzjalment gusta. Ara "**Cassar *utrinque***", fuq citata;

Din il-Qorti ma tistax, fic-cirkustanzi, hlief li ssegwi din il-gurisprudenza pacifika u, similment, tannulla s-sentenza.

B'danakollu, il-Qorti ma tistax lanqas tibghat l-atti lura lit-Tribunal in vista ta' dak prevvist fl-Artikolu 8 (4) tal-Kapitolu 380 u, konsegwentement, ser tghaddi biex hi stess tiddeciedi t-talba promossa mill-attur appellanti u di fronte ghal liema, skond verbal tat-2 ta' Frar, 2010, giet limitatament opposta l-preskrizzjoni kwinkwennali ai termini ta' l-Artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili;

Kif inhu ben assodat "il-fondament tal-preskrizzjoni estintiva ... hu l-interess li jitqieghed tmiem ghall-proponibilita` ta' l-azzjoni, biex l-istat guridiku ta' l-affarijiet li jkun ezista ghal hafna zmien ma jkunx jista' jigi skonvolt mill-ezercizzju tardiv ta' l-azzjoni" ("**Carmelo Agius Fernandez *et* -vs- Avukat Dr. Filippo Nicola Buttigieg**", Prim' Awla, Qorti Civili, 13 ta' April, 1953);

Premess dan, huma mil-ligi rikonoxxuti qaghdiet fejn dik l-istess preskrizzjoni tista' tigi interrotta ghall-ezistenza ta' sitwazzjoni ta' rikonoxximent tad-debitu jew dik tar-rinunzja ta' l-istess preskrizzjoni. Hekk, ad ezempju, il-preskrizzjoni eccepita hi inkompatibbli f'kaz ta' pagament akkont jew ta' promessa ta' hlas. Ara Artikoli 2133 u 2134 tal-Kapitolu 16. Hu difatti ritenut illi "l-pagament akkont jikkostitwixxi rikonjizzjoni tad-dejn u ghalhekk jinterrompi l-preskrizzjoni" ("**Alfredo Brownrigg -vs- Giuseppe Fenech**", Appell Kummercjali, 30 ta' Ottubru, 1936). Daqstant iehor huwa pacifiku illi "min jaccetta li jhallas parti mis-somma reklamata kontra tieghu, ukoll jekk ikun ghadda z-zmien ghall-preskrizzjoni favur tieghu, jigi li rrinunzja ghall-preskrizzjoni gja akkwistata" ("**Annunziato Camilleri -vs- Angelo Borg**", Prim' Awla, Qorti Civili, 21 ta' Marzu, 1959). Wisq logikament, il-prova relattiva trid issir mill-attur-kreditur. Ara "**Carmelo Pullicino -vs- Giuseppe Zammit**", Appell Inferjuri, 3 ta' Frar, 1904;

Applikati l-principji predetti ghall-fattispeci tal-kaz prezenti jirrizulta mid-deposizzjoni inkontradetta ta' l-attur, anke ghaliex il-konvenut baqa' ma xehedx, illi ghalkemm il-bejgh tal-mobbli kien sehh xi ghaxar snin qabel, il-

konvenut kien ghamel l-ahhar hlas akkont ta’ hamsin lira (Lm50) bejn Settembru u Ottubru 2004. Barra minn dan l-istess konvenut, dejjem skond l-attur, kien fis-6 ta’ Settembru 2008 weghdu li ser jaghtih il-bilanc dovut tal-flus. Dan kollu jirrizulta mid-deposizzjoni ta’ l-attur fl-udjenza tas-16 ta’ Marzu 2010 u li, kif hawn fuq rilevat, giet injorata mit-Tribunal ghar-raguni gja esposta. Huwa ovvju minn din ix-xhieda illi l-attur irnexxielu jressaq il-kontro-eccezzjoni illi effettivament il-preskrizzjoni opposta giet interrotta.

Ghall-motivi kollha predetti din il-Qorti qed tannulla s-sentenza appellata. Fl-istess waqt qed tichad il-preskrizzjoni kwinkwennali eccepita mill-konvenut u tghaddi biex takkolji t-talba ta’ l-attur appellanti ghall-hlas tas-somma bilancjali minnu pretiza, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess konvenut appellat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------